MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 311/2009

**Go p.l.c. (C22334)**
**vs**
**Roger Calleja (I.D. 1026445M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' seba' mija u sitta u ghoxrin Euro u erbgha u sittin centezmi (€726.64), in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 2135835 u 21338895 (CN698114 – AC10112158 u 10093051).

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza kontra l-konvenut li gie ngut ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti mehmuza :

Dok A : Prospett – AC10112158

Dok B : Prospett – C10093051
Dok C : Estratt mir-registru elettorali
Dok D : Kuntratt datat 21 ta' Gunju, 1996, re. tel : 21315835
Dok E : Kuntratt datat 14 ta' Ottubru, 2004, re. tel : 21338895
Dok F : Kuntratt datat 14 ta' Ottubru, 2004 ghal pagamenti mensili

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-28 ta' Settembru, 2009 li nzammet quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u sitta u ghoxrin Euro u erbgha u sittin centezmi (€726.64), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------